# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITA)

The Royal University of Malta

**It-Tmien Sena** **Settembru 1938** **Għadd 91**

**1d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

# RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**SETTEMBRU 1938 ]** **IT-TMIEN SENA** **[ Għadd 91**


## Il-Maltin u L-Ilsien Malti

Fil-*United Empire* ta' Awissu li għadda, il-Professur Ġużè Aquilina B.A., LL.D. li, bil-kitba qawwija tiegħu f'ġurnali u f'rivisti barranin qed ixandar ġieħna u ġieħ il-sienna, kiteb artiklu li fih b'sengħa sabiħa rabat il-ġrajja ta' l-Ilsien Malti mal-mixja ta' l-istorja ta' pajjiżna. Hekk kiteb il-Professur. Aquilina:

Għall-biċċa l-kbira tan-nies, f'dinja ta' artijiet wisq akbar li jaħkmu ħsieb kulħadd, Malta mhijiex ħlief bażi navali Ingliża, u ftit li xejn ma jafu dwar il-Maltin in-nifishom għal-kemm l-art, il-kultura u l-ilsien li jagħmlu lill-Gżejjer tagħhom dak li huma, jistħoqqu ta' min jagħti kashom aktar. Il-Gżejjer ta' Malta fihom 230,000 ruħ, 23,000 minnhom qegħdin Għawdex. Aħna nistgħu ngħidu, xħin inqisu ċ-ċokon ta' l-art, li Malta hi waħda mill-artijiet imgħammra l-iżjed sfieq fid-dinja. Tabilħaqq, il-kotra li qed tiżdied kull ħin, hi waħda mill-itqal problemi li għandna quddiemna. Dal-poplu, għalkemm ċkejken fil-għadd kif diġa urejna, għandu moħħ imdawwal ; hekk hu minnu li wieħed mill-problemi koroh li ħabbat rasu fuqu kien ta' xejra kulturali, l-hekk imsejħa 'kustjoni tal-lingwa' li, b'riżq ħażin, xejn li xejn ma swiet ta' ġid fl-iskejjel tagħna. Fuq hekk—għalkemm illum b'xorti tajba ma għadhiex tissejjaħ *kustjoni*, mbilli bil-għajnuna u l-wetqa tal-kotra l-kbira tal-poplu, il-Gvern Imperjali qatagħha darba għal dejjem—fuq hekk jien illum nixtieq niġbed l-attenzjoni.

L-Ilsien li l-kotra kollha titkellem hu l-Malti, lsien Semitku b'karatteristiċi tiegħu waħdu, li f'xejn ma għandu x'jaqsam mal-ġliba ta' ilsna Jafetiċi jew, kif tgħid il-kotra, ma' l-ilsna Indo-Ewropej jew Arjani. Minn barra lsien art twelidhom, in-nies ta' tajfa għolja tista tgħid kulħadd jaf b'ilsna oħra, iżda l-Malti hu l-ilsien waħdieni li t-tajfa tal-ħaddiema titkellem u tifhem.

B'minkejja ta' dan kollu, mħabba mħuħ ta' ħakmiet pre-Ingliżi f'Malta li baqgħu marbuta mad-drawwiet qodma u xejn liberali, it-Taljan u mhux ilsien il-poplu kien jintgħallem fl-iskejjel, u t-Taljan, miftieħem biss mill-għadd ċkejken tan-nies ta' l-iskola imma mhux mill-kotra, kien l-ilsien uffiċjali tal-Qrati tagħna. Qatt u mkien ma tnissel ebda ġid minnu. It-tfal ta' l-iskola bejn is-6 u l-14-il-sena—il-biċċa l-kbira ta' ulied il-ħaddiema ma setgħux iħallsu għal tagħlim għoli—kienu jriduhom ilaħħqu ma' żewġ ilsna barranija, it-Taljan u l-Ingliż. Meta telqu l-iskola, mbilli ma setgħux jaqbdu żewġ ilsna f'daqqa, insew il-ftit li tgħallmu u, mbilli qatt ma kienu tħarrġu fit-tagħlim ta' lsienhom, wara dak iż-żmien kollu li ħlew fl-iskejjel, ma għamlux ħaġa oħra ħlief żiedu l-għadd tassew ta' min jitħassru ta' nies bla l-iċken ħjiel ta' tagħlim. Fil-Qrati, istituzzjonijiet ta' min ifaħħarhom f'kollox, niesna kienu jkunu mixlija b'ilsien li mhux tagħhom u li ma kinux jifhmuh.

Dawk kienu drawwiet qodma li kellhom jinqerdu għall-ġid tal-ħaqq u l-ġieħ Ingliż ġo Malta. Bis-saħħa tar-riformi dwar l-ilsna li twettqu dan l-aħħar mill-Gvern Imperjali bit-tħabrik ta' l-aħjar nies tal-Gżira li ħadmu sħiħ u sfieq għall-Malti, l-ilsien waħdieni li issa qed jintgħallem fl-iskejjel elementari minn barra l-Malti, hu l-ilsien ta' l-Imperu, u lsien il-kotra hu, għall-Maltin, l-ilsien uffiċjali tal-Qrati tagħna. Fid-Dipartimenti kollha tal-Gvern it-Taljan tilef il-bixra tiegħu uffiċjali għalkemm żamm xejra kulturali fl-iskejjel għolja u fl-Università. Dawn huma riformi li kiteb iż-żmien fl-istorja ta' Gżiritna.

Xi ħadd jista' jistaqsi: "Xinhu l-Ilsien Malti?" l-iżjed imbilli pittruh kemm-il-darba bħala djalett ta' kliem Taljan imfarrak. Fit-tiswir tiegħu l-ilsien Malti għandu mill-ġens Semitku: għandu x-xejriet karatteristiċi bħal tiegħu, il-għerq imsawwar fuq tliet konsonanti li ma jinbidlu b'xejn, u t-tibdil fit-tifsir isir biss fiċ-ċaqliq u l-bdil tal-vokali. Ma għandniex xi ngħidu, il-Malti ma' tul mijiet ta' snin ta' taħbit kulturali ma' Sqallija, Italja u Spanja daħħal għadd sabiħ ta' kliem u x-xejra neo-latina tinħass sewwa f'ilsienna, iżda, bħalma fl-Ingliż li ħaddan għadd kbir ta' kliem ġdid minn ilsna oħra, hu żamm bla mittiefsa l-grammatka li tixhed il-bidu tiegħu. Din il-bixra li l-ilsna tal-Lvant naqqxu f'ilsienna tkattar, issebbaħ u tagħni ġmielu. Aħna ma nistgħux inwarrbu din ix-xejra barranija, u flokha ninqdew bi kliem Malti safi, mingħajr ma nfaqqru lsienna. Ix-xogħol iebes u bla ħtieġa tal-purista jkun ta' ħsara daqs kemm hu ta' ħsara dak tal-purista Ingliż li jrid ibarri l-kliem barrani mid-dizzjunarju Ingliż. Il-purista li jħobb ifittex reqqa żejda jithenna bli jkun għamel iżda l-Ingliż ta' Milton u ħafna mill-ġmiel tal-kobor tal-mużika ħelwa tiegħu jkunu sfaw fix-xejn; hekk ukoll il-Malti.

Xi ħadd jista' wkoll jistaqsi: "Bħala lsien Semitku, il-Malti 'l xhiex jixbah?" Il-Malti, biex nitkellmu bil-paradoss, jixbah ħafna, u ma jixbah f'xejn, lill-Għarbi: jixbhu, għax it-tnejn jafu t-twelid minn banda waħda; ma jixbhux—u dan

tista' tgħid hu ta' siwi daqs ta' qabel—imħabba l-ħakma neolatina li maż-żmien qallbet il-Malti u għamlitu dak li huwa l-lum; la Għarbi u lanqas Taljan imma biss Malti jew, jekk trid, sejjaħlu lsien Semitku maħdum fuq tifsiliet Ewropej. Dan ma jintebaħx bih sew min biss iqabbel kliem Malti ma' kliem Għarbi, aktar jarah dak li jxebbah l-idjoma Maltija ma' l-idjoma tal-Għarbi. Ukoll smigħ il-kliem, li f'ilsna mitkellma jinħass sew, b'xejn ma jixxiebah. U aktar tara kemm ma għandhomx x'jaqsmu kemm-il darba tqis il-ħsieb u l-idjosinkraziji tal-kittieba; il-firda mbagħad tkun firda ta' mentalità, firda li tista' tqabbilha mal-kliem Punent v. Lvant, id-Din ta' Kristu v. id-din ta' Mawmettu.

Nisel il-Maltin mhux la kemm taqbad u tagħarfu. San Luqa, waqt li kien jitkellem dwar in-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, sejjaħ lill-Maltin 'barbrin', kelma li, dak iż-żmien, kienet tfisser nies li la kienu Griegi lanqas Rumani. Skond Dijodoru Sikulu (li għex fi żmien Ġulju Ċesri u Awgustu) in-nies li kienu jgħixu f'Malta kienu Feniċi. Milli jidher l-aħjar teorija ta' min jorbot fuqha hi dik li tgħid illi l-Għarab meta kisbu Malta ( 870–1090 ) sabu Insara Semitiċi bi lsien li dik il-ħabta kien maħkum sew mill-Għarbi. Għal dak li hu ġens, jekk nieħdu mill-kunjomijiet, il-Maltin fihom x'tistagħġeb daqs kemm fih x'tistagħġeb ilsienhom—il-ħajja ta' żewġ elementi Semitiku u Arjan, miġburin ġo ħaġa waħda li tagħmel in-nazzjon maltija. Ħafna mill-kunjomijiet tagħna huma malti safi imma oħrajn le, u dan kollu mħabba żwiġijiet imħallta u safar f'artijiet oħra. Hu xinhu l-ħolqien ta' dawn il-kunjomijiet, il-Maltin kollha kemm huma għandhom li huma tagħhom : l-ilsien u l-istorja. Ukoll il-mentalità hi xorta. F'Malta, waħda mill-artijiet ewlenin li saru Kattoliċi, id-din ta' Mawmettu, it-twem min ta' l-artijiet tan-nofs, hu, bħalma fi Spanja, fi Sqallija, u fil-Greċja, tifkira li għaddiet. Il-kitba bil-Malti bdiet minn bosta u bosta snin ilu iżda, minħabba li sabet ruħha fost ħafna tfixkil, ma setgħetx tkabbar u xxerred ġieħha letterarju. L-ewwel Malti kbir li żamm sħiħ fil-fehma li lsien il-poplu hu l-ilsien tiegħu nazzjonali kien Mikiel Anton Vassalli, li għex iżjed minn mitt sena ilu. Ġieħ dan il-bniedem, dammiem il-kliem, li fil-lewn tiegħu politku kien Republikan Franċiż, wasal ukoll f'widnejn Napuljun, li deher miġbud lejh sħiħ, iżda l-Ordni Aristokratiku ta' San Ġwann, li kien wasal fl-aħħar tiegħu, ma setax jifhem il-ħila ta' fehmtu. Hu kien moħħ l-iżjed miftuħ fost in-nies ta' żmienu. Biss ftit snin ilu fehmu l-ħtieġa ta' ħsiebu kotra żgħażagħ ħabrieka, l-aktar fosthom xi studenti Universitarji li waqqfu għaqda letterarja bl-idijal li ħaddan hu, u għadd ieħor ta' rappreżentanti mdaħħlin fiż-żmien li waqqfu f'dawn il-gżejjer l-aktar għaqda setgħana ta' kittieba. Fl-aħħar mill-aħħar in-tebħu bil-ħtieġa kbira bla tarf ta' lsienna sabiex dan jaqdi fit-taħdit bejn il-kotra mgħallma u l-poplu ċ-ċkejken. Il-għati ta' Gvern tal-Poplu talab tixrid akbar ta' tagħlim

b'sejħa qawwija għall-kobor tal-Letteratura Maltija. Dan li l-Gvern kien, u qiegħed, iħabrek biex jara jseħħ.

Barra minn Malta wkoll qamet fewġa ħabiba għall-Malti. Is-sena li għaddiet M. Laurent Rapa, rumanzier u poeta Franċiż, ġabar antoloġija ta' poeżiji maqluba bil-Franċiż. Ġurnali u rivisti Franċiżi magħrufa laqgħuha tajjeb ħafna u fissru li Malta għandha lsien u letteratura tagħha. L-Ingliżi wkoll urew ħeġġa u tħabrik kbir. *The Grammar of the Maltese Language* ( Oxford University Press, 1936 ) tal-Professur E. F. Sutcliffe hi biċċa xogħol sabiħa tabilħaqq; jistħoqqlu kull tifħir. L-Oxford University Press dalwaqt toħroġ Grammatka bil-Malti * ta' Miss May Butcher li tolqot studenti ta' xejriet oħra. Dawn iż-żewġ grammatki, ma jistax jonqos, jagħmlu ġid bla tarf lill-Ilsien Malti. Flimkien mal-Professur Dun P.P. Saydon jien ġbart l-ewwel antoloġija letterarja ta' poeżija u proża bil-Malti. Din il-biċċa xogħol, li fiha madwar 900 paġna, imqassma fi tliet kotba li minnhom it-tielet wieħed għadu qed jistampa ruħu, tiġbor fiha erbgħin kittieb.

Mons. Dun Karm Psajla jew, kif inhu iżjed magħruf, Dun Karm, hu l-akbar poeta tagħna. Għal bosta snin qabel ma l-Malti ġie f'tiegħu, hu ħassel isem bħala Poeta Taljan u kien magħruf bħala z-"Zanella ta' Malta". Minn ftit snin il hawn intelaq b'ruħu u b'ġismu għas-sengħa tal-letteratura Maltija. Il-poeżija tiegħu, li minnha nqalbu xi bċejjeċ bil-Franċiż, fiha l-qawwa, il-ġmiel u s-seħer tal-għerf. Xejn ma hemm fih li juri li miexi biex jikxef art li għadu ma kisibhiex. Il-kitba tiegħu fiha tradizzjoni, xhieda sħiħa ta' qawwiet klassiċi Latini u Taljani. Xi sentejn ilu qaleb f'poeżija li tgħaxxaq bil-Malti 'I Sepolcri' ta' Ugo Foscolo. Dan juri kemm l-ilsien Malti għadek tista' tħaddmu u tgħawġu kif trid int. L-aħħar poeżija tiegħu 'L-Jien u lilhinn Minnu' b'523 vers, tmiss fil-laħam il-ħaj problemi tqal tal-ħajja li l-Foscolo pagan qatt ma sata' jifhem. Hi poeżija mill-ogħla li titkellem dwar il-filosofija tad-dinja ta' l-insara. Dawn il-ftit versi juru ġmiel il-Malti sa fejn jasal :

Tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħal ma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi,
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba;

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħal ma kellhom fiż-żmien ommha u nannietha.

Dun P.P. Saydon hu magħruf fostna għall-qlib mill-Lhudi għall-Malti tal-Kotba Mqaddsa. Qaleb bosta kotba mit-Testment il-Qadim, u biħsiebu jaqleb iż-żewġ Testmenti. Bħala Pro-

* Din il-Grammatka ħarġet fil-15 ta' Settembru. ( N. Ed. )

fessur tal-Lhudi, tal-kotba Mqaddsa u tal-Grieg Bibliku, flimkien mal-għerf li għandu ta' ilsna Semitiċi, huwa l-waħdieni li sata' jmidd għonqu għal dan ix-xogħol. Bħala kittieb kemm bħala President tal-Għaqda Letterarja Maltija fl-Università Rjali ta' Malta, hu ħadem qatigħ, u ħidmitu nħasset fuq il-ħsieb u r-rieda taż-żgħażagħ li telgħin.

Ninu Cremona jibqa' għal dejjem miftakar bħala l-ewwel kittieb id-drammi suret in-nies bil-Malti. Id-dramm tiegħu, f'ħames taqsimiet, jibqa' mniżżel fl-istorja tal-letteratura maltija mħabba l-ġmiel ta' kliem għani li fih u s-sejħa qawwija li tħossha tiġbdek u tħajrek għall-ħajja tar-raba'. Ġabar fi ktieb wieħed għadd ta' poeżiji minn tiegħu, kiteb il-bijografija ta' Mikiel Anton Vassalli, missier il-letteratura Maltija, u tebagħ ħafna grammatki minnbarra bosta kitba filoloġika. Il-mejjet Sir Themistocle Zammit pitter *sketches* mill-isbaħ li fihom wera b'ħila kbira l-bixriet għariba tan-nies raħħala. Ħadd ma jagħleb il-'humour' tiegħu.

Dawn huma biss ftit mill-kittieba xjuħ li ħadmu biex jibnu letteratura nazzjonali għal Malta.

Il-Maltin għandhom ilsien nazzjonali, u huma jħossu ruħhom ferħana bl-individwalità tagħhom bħala ġens għalihom daqs kemm iħossu ruħhom kburin li huma msieħbin fl-Imperu Ingliż li, f'dinja li ma tafx b'liberaliżmu u li kull ħin taħbat għall-ġnus żgħar tagħha, tagħmlilhom tajjeb għall-ħelsien tal-ħsieb u ta' ħajja twila.

(maqlub fil-Malti minn Ġużè Chetcuti. )

## IL-GWERRIER

Tidħak f'għajnejh il-mewt daħka qarrieqa
Hu u jiġġieled f'art li ma jafhiex,
Sider ma' sider kontra nies li f'qalbhom
Jistaqsu mbikkma : "Dan id-demm għaliex ? "

Ġużè Chetcuti

# Maltin mill-Eġittu jżuru Malta

Għadd ta' Maltin mill-Eġittu, taħt il-ħarsien tas-Sur Ivo Muscat Azzopardi u s-Sur Toni Sajd, ħbieb kittieba tagħna, waslu wasla sa Malta. Kif stqarru magħna, Malta għoġbithom sħiħ, u sena oħra biħsiebhom jerġgħu jiġu iżjed kotrana biex iqattgħu jiem aktar ta' btala. Malta għoġbithom, għax hi art twelidhom, hi l-art ta' nieshom, u għax fiha sabu qlub, imħeġġa minn demm Malti safi, li laqgħuhom b'imħabba.

Fit-30 ta' Awissu li għadda s-Sinjuri Ivo Muscat Azzopardi u Toni Sajd stiednu lill-aħjar kittieba tal-Malti għal Tè fl-*Osborne Hotel.* U biex trodd din l-istedina, il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għamlet f'San Pawl il-Baħar, fil-4 ta' Settembru, *Vermouth d'Honneur* b'ġieħhom. Ħadna tassew pjaċir naraw lill-kittieba tagħna, xjuħ u żgħażagħ, miġburin flimkien: familja waħda.

Sewwa jgħidu, l-ilsien iżomm rabta sħiħa bejn aħwa u aħwa. L-ilsien Malti żammna magħqudin f'għaqda li ebda saħħa barranija ma tista' tifridha—lilna li għexna u kbirna ġo Malta ma' ħutna li trabbew imbiegħda. Aħna ma aħna mifrudin qatt. Il-baħar ma jifredx meta hemm il-kelma maltija li tgħaqqad u l-fehma sħiħa u waħda li l-Ilsien Malti u ebda lsien ieħor barrani—hu lsienna, hu ħajjitna.

# Lil Malta Tiegħi

F'moħħi jżiġġ dawlek, dawl mingħajr għabex,
Qalbi hi mfawwra b'ħeġġa għalik,
Nifsi tgħaxxaqli fwieħet warditek,
Għajnejja jsammar dak ġmiel ħaddejk.

Kemm int sabiħa, Għżiret twelidi,
Kemm, għad li ċkejkna, tisboq kull art;
Għal qlub li jħobbu int bħala vleġġa,
L-imħuħ isibu fik għajn ta' dawl.

Jekk lejk inħares f'għodwa sajfija,
Qisek sultana f'mantar ta' sebħ;
Jekk madwar trufek jiġru għajnejja,
Nilmħek għarusa mbewwsa mill-mewġ.

Kemm issaħħarni kif lilek nara !
Torri tas-saħħa b'rasu fis-sħab;
Bis-swar qawwija bħal żewġt iġwienaħ
Donnok ħamiema ser fl-għoli ttir.

Rażżant għal dejjem, Tfajla, n-nofs Qamar,
Għajjebt minn wiċċna l-ġarab u l-ħarb,
Ismek itgħolla, kull ġens żied faħħrek,
Kullħadd bil-għira jridek għalih.

Jekk mill-mewġ ikħal tal-baħar safi
Ifeġġ fix-xefaq daqsxejn t'għasfur,
Fuq l-ilma jidwi, x'ferħ! edak ismek:
"Ja Malta, Malta!" tal-baħri s-sliem.

Jien ukoll, mela, lilek insellem,
U ntik minn qalbi ġieħ u tifħir :
Int ġawhra bajda mkebba ġol-ikħal,
Int warda ħamra tblanzan fi ġnien.

Iżda biex silsla mill-isbaħ ninseġ,
Kliem ieħor jiena nfassal ma nafx,
Ħlief li nsejjaħlek: Bejtet twelidi,
Dik ommi l-ħelwa mnejn ħadt l-għajxien.

Ja Malta tiegħi, kemm int sabiħa !
Ismek imdieheb f'sidri minqux.
Ja Malta tiegħi, kemm inti ħelwa !
Fuq fommi ismek għasel midluk.

Tul ħajti l-ġierja l'hi dejjem nieżla,
Sew jien taħt dellek inkun ninsab,
Sew waqt li minnek jaħtieġ nitbiegħed,
Ħadd irbit qalbna ma jista' jħoll.

Oh ! x'hena tiegħi, meta fi ħdanek
Nagħlaq għajnejja ma' l-aħħar nifs;
Kemm jifraħ għadmi, jekk ġewwa l-ħoġor
T'ommi l-għażiża jorqod bis-sliem !

22—iii—36 A. G.

# HERBA

*"Oh God! that men should put an enemy in their mouths to steal away their brains.*

SHAKESPEARE

—Ma!... Ma, issa l-pa ma jiġix aktar id-dar?
Ebda tweġiba.
—Ma, issa l-pa ma jsawtekx aktar?
—Iskot, ibni.

Daqsxejn ta' bufula ta' ħames snin kien qiegħed jagħmel dawn il-mistoqsijiet ħorox 'l ommu, ħdejn il-ġisem ta' missieru mejjet imqiegħed fuq l-irħama tan-nofs tal-kamra tal-mejtin ta' l-isptar; waqt li ommu bla demgħa waħda f'għajnejha, iżda bil-qrusa tal-ħajja mitbugħa fuq fommha, kienet qiegħda tħares fiss lejn wiċċ dak li darba d-dinja kienet issejjaħlu żewġha.

Fuq dirgħajha kellha tarbija ta' xi sentejn, wiċċ il-mard donnha ħanex, titkexkex tħares lejn egħlubitha. U ftit il-bogħod minnha, ma' ġenb irħama oħra fejn jitqiegħdu l-mejtin, tifel ta' xi tmien snin, ibleh sa minn qabel twelidu, kien qed jitgħawweġ u jgedwed bħal kliem li ma jiftiehemx, f'waqt li b'idejh sfajra u nexfin, kien qed imelles daqsxejn ta' tarbija ta' xhur, li kienet mietet ftit sigħat qabel, l-isptar.

Xhieda ta' din id-dehra li treżżaħ il-qlub kien biss il-għassies ħiemed tal-kamra tal-mejtin. Iżda qalb dal-flien kienet waħda minn dawk li huma miksija b'ġilda moħxon dik ta' ħmar, u għal daqstant ftit kien iħabbel rasu jew jagħsar qalbu għal dawk l-imsejkna li xortihom kienet twassalhom sal-kamra li għalih kienet il-għajxien.

U frisk bħal warda, b'għajnejh imgħammxa u b'idejh f'butu kien wieqaf ħdejn tieqa jħares daqqa lejn dil-mara u oħra lejn xi wieħed minn uliedha, bla ma jgħid kelma, u ta' kultant erħilu jittewweb b'leħen għoli nofs titwiba mqanzħa donnu biex juri lill-miskina li kienet ġiet iżżur l-għamara waħxija tiegħu li kien xaba' minnha.

Iżda min-naħa l-oħra, imħabba filli għal dan il-bniedem il-biki ta' dawk li kienu jiġu biex jiksru l-ħemda treżżaħ tal-kamra tal-mewt li fiha kien jgħammar, kien għalih bħalma hu għal ħad-died il-ħoss tad-daqqa li l-mazza tagħmel fuq l-inkwina, il-ħemda

ta' dil-mara ħdejn il-ġisem ta' żewġha mejjet kienet bdiet biex tqanqlu u tagħtih f'għajnu. U għaldaqstant wara li xaba' jittewweb, b'ħarstu bierda beda jiflieha minn fuq s'isfel u jistaqsi lilu n-nifsu x'kien qed iżommha hekk ħiemda u kemm kien fi ħsiebha ddum tħares lejn żewġha mejjet mingħajr ma tibki l-bikja li ta' qabilha kienu bkew . . u titlaq il-barra.

Għaliex kienet hekk ħiemda ?

Għaliex f'nofs ħerba bħal din ma kinetx għadha xerdet demgħa waħda biss ?

Għaliex tabilħaqq ! !

Għaliex kemm dmugħ kellha dil-miskina kollu xerditu fiddisa' snin li kienet għexet ma' bniedem li x-xorb kien bidlu f'bhima l-aktar ħarxa, f'bhima li hi kienet tobgħod b'qalbha kollha.

Kien għad għandha tletin sena; u fl-aħħar disgħa li kienu għaddew minn fuqha kemm-il qatra xorb kien xorob żewġha lilha kien sqihielha mrar—imrar li kien intoska kull imħabba li kellha għalih.

* * *

Kienet tħobbu daqs għajnejha meta, f'żgħożitu, kien jiġi jgħannilha fuq il-kitarra, taħt it-tieqa tagħha flimkien ma' ħbiebu, fil-ljieli jgħaxxqu tas-sajf.

Baqgħet tħobbu meta għall-ewwel li bdew jgħammru flimkien kien iħalliha s-sigħat sħaħ tistennieh weħidha, bil-lejl, imbeżżgħa li, xħin jiġi, jekk twissih għaliex xorob, jaħbat għaliha u jsawwatha.

U kienet għadha tħobbu sa wara li ġiet fid-dinja l-ewwel frotta ta' mħabbitha, frotta mħassra u marida, iben ibleh bħal ma jiġu boloh u marradin bosta minn ulied dawk li jherru lilhom infushom bix-xorb.

Iżda bdiet toboghdu meta lejla waħda xitwija qrib nofs il-lejl daħal id-dar xurban bħal ma dejjem u hekk kif kiesħa u mirżuħa bit-tarbija fuq dirgħajha fetħet f'ommha biex tlewmu, xejrilha daqqa ta' ponn, laqat lilha u lil ibnu u tefagħhom it-tnejn minn tulhom fl-art.

Żlieġa demm fuq ix-xbin dgħajjef u tari taċ-ċkejken binha kixef fil-mara l-ħruxija, eqqel minn ta' tigra, il-ħruxija ta' omm li tara 'l binha tarbija maħqur u msawwat quddiemha; u ħafifa daqs berqa bin-nar tal-mibegħda jaħraq f'għajnejha ħebbet għal dal-bhima msejjaħ żewġha, iddendlet ma' għonqu u b'dufrejha u bi snienha ġegħlitu jintebaħ għal waqt wieħed li l-imħabba ta' l-omm għal uliedha msawta u maħqura taf tinbidel

f'qilla li tegħleb kemm-il raġel hawn, li fis-saħħa ta' dirgħajh ikejjel irġulitu.

Ħalsitha qares din id-darba li bil-ħaqq kollu qellet u ħebbet għal żewġha; u wisq kien ikun aħjar għaliha li ttarrxet għat-twissijiet ta' dawk li bosta drabi ndaħlu biex ma jħalluhiex tinħired minnu.

Li ħallewha tagħmel dan, għallinqas ma kenux jiġu fiddinja żewġ ħluq oħra biex jisħtu tifkira ta' dak li kien ġiebhom fiha, biex igħixu fil-qiegħ maħmuġ, mudlam u minsi ta' dan il-wied ta' dmugħ u biex, flok jitgħallmu jħobbu ġmiel il-ħolqien, isiru jobogħduh b'qalbhom kollha mingħajr ebda ħtija tagħhom.

U għaldaqstant din il-mara baqgħet tgħix ma' żewġha; u l-biċċa ħobż ħażina li kien jitmagħħha kienet tixbah lill-ikel li jiekol il-bagħal li biex jieklu jrid jaħdem bla jegħja u jissawwat bla ħniena.

U fl-aħħar snin li qattgħet ma' dan il-kiefer is-swat kien għaliha sar drawwa u s-sawm għal uliedha—wieħed iblah u tnejn morda—dmir aħrax ta' kuljum; sa ma għodwa waħda wara lejl deni u thewdin, it-tabib tar-raħal ġiegħelha bla telf ta' żmien tieħdu lejn l-Isptar; u għeluq il-ġimgħa li kienet infirdet minn żewġha, din l-imsejkna sfat armla.

* * *

Xi ħtija kellha, għaldaqstant, wara ħajja minn din ix-xorta, li ma xxerridx demgħa waħda biss fuq il-ġisem mejjet ta' dak li ż-żmien li fih kienet għammret miegħu ma kienx għaliha għajr ġrajja waħda ta' dmugħ, ta' swat, ta' ġuħ u ta' mibegħda ?

Xi ħtija kellha li ma tibkix lil dak li kien ħadha b'martu biss biex bir-rabta tiegħu magħha tefa darba għal dejjem minn qalbha d-dawl ilellex ta' l-imħabba, dallmilha għal kollox ħajjitha u bil-hena tagħha u ta' wliedha għamel ħerba li twaħħax, ħerba li tnikket lil kull min għandu qalb biex biha jħoss u biex biha jħobb ?

Ġużè Ellul

# Lill-Kanarin Tiegħi

*Lill-Hon. Constance Strickland*
*li qiegħda tistudja l-Letteratura*
*tagħna.*

Għalija minn xħin jisbaħ sa ma jisbaħ
Magħluq fil-gaġġa. Fl-oħla għanja togħla
Xħin lili fejnek kull filgħodu tilmaħ,
Jew xħin tarani dieħel mill-iskola.

Barra r-rebbiegħa! Tħobb kull ħliqa u tifraħ:
Sħabek, is-sriep, id-dud, sa l-iċken vjola,
Iżd'inti le; diċ-ċaħda tiegħek tixbah
Ħafna lill-mewt u donnha mill-mewt ogħla.

Għalxejn jien inpaxxik bl-itjeb maxtura,
La darba ma nagħtikx bħall-aħwa tiegħek,
Il-wisa' tal-ħolqien, il-ġenn tal-ħdura.

Hekk ġewwa d-dinja għall-kburija u r-regħba,
Bħal issa qed jitjassar u jitmiegħek,
L-ispirtu tal-Ħelsien f'gaġġeġ imdehba.

ĠORĠ PISANI

Għawdex.

## EPIGRAMMA

—Lin-nies ma ħaqarhiex,...
Ma kagħbar qatt lil ħutu,...
Lil għajru qatt ma rifsu,...
Naħilfu dan !...
—Iva !... 'Mma taf għaliex ?... —
Għax ħadd ma messlu butu.
u medhi biss,
ifaħħar kif imiss
u jgħolli lilu nnifsu
daqs ix-xitan ! ! !

R. M. B.

# Il-kunjom Abela

Annibale Preca fil-"Malta Cananea" jgħid li dan il-kunjom hu l-għadd l-imkattar (plural) "di forma elegante dell'ebraico Ħabbâl, vapore, fumo, e figuratamente orgoglio, vanità. Dunque, Abela=il vanitoso." Oħrajn jaħsbu li Abela jew Habela, kif insibuh f'kitba qadima, hu għamla kemm xejn imbiddla tal-kelma *ħabel.*

Imma jien naħseb li dan il-kunjom hu ġej aktarx mill-verb Lhudi *abal,* to mourn. Ass. *abalu.* Igħid D. Leopoldo De Eguilez y Yanguas fix-xogħol tiegħu "Glosario Etimologico de las palabras Españolas de origen oriental":

Abela; abelu: Llaman asi en España al llanto que hacen los moros y los judios cuando se les muere algun pariente. Guadix Dic. ms. de la bibl. Colombina. U bil-Malti, ABELA: isejħu hekk fi Spanja l-biki li jibku l-lhud wil-mori meta jmutil-hom xi ħadd minn niesħom.

Aktarx mela li n-nannijiet ta' l-Abelijiet Maltin f'ras il-għajn kienu Lhud li ġew Malta minn Spanja u biż-żmien qalbu nsara mal-kotra kif ġara f'artijiet oħra.

Ġ. Aquilina

# Tagħrifa

Minħabba n-nuqqas ta' wisa' kellna nħallu għal għadd ieħor kitba fuq 'Għajn il-Bniedem' ta' Ivo Muscat Azzopardi.

F'ħarġa oħra wkoll infissru fehmitna dwar id-*detective story* tiegħu wkoll 'Triq id-dejqa Nu. 313', '*Nirien*', ġabra ta' poeżiji ta' Karmenu Vassallo, u '*Elements of Maltese*' (Oxford University Press) ta' May Butcher.

# Leħen il-Malti (Università)

## *KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GĦAT-TAGĦLIM*

TISĦIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d*. IL-GĦADD

GĦAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAĦĦAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Z-ZGĦAR

**KONDIZZJONIJIET**

Kull imsieħeb li ma jġeddedx it-tisħib sa wara għadd li jkun wasallu mhux imħallas, ismu jitħassar mill-kotba tagħna.

Kull kitba li tinbagħat ma titreġġax lura u lanqas ma jingħataw fehmiet privati bil-miktub dwar xogħlijiet letterarji mibgħuta.

Leħen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u għalhekk il-kitba ta' dawn tieħu l-ewwel post.

Il-kitba ta' barranin li ma tlaħħaqx sa fejn jitlob il-ġurnal titħalla barra mingħajr ma tingħata l-ebda raġuni

Il-kitba ta' nies mhux magħrufa jew imħarrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.

Kittieba barranin m'għandhomx jibgħatu kitba li tieħu iżjed minn tliet faċċati.

Leħen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi ħaġa iżjed minn Malti safi—sengħa u koltura.

Meta kitba tidher fuq isem b'ieħor l-editur għandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.

Leħen il-Malti jiżżi ħajr lill-ħbieb kollha li jxerrduħ fost dawk li għad ma bdewx jaqrawħ, l-aktar lil dawk li jgħinuna nkabbru l-għadd ta' l-imseħbin.

Ittri u kitba letterarja għandhom jinbagħtu :

EDITUR, LEĦEN IL-MALTI (Università)
Empire Press, 266, Triq San Pawl,
Il-Belt.

☛ Wasal biex joħroġ ir-rumanz li kien rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors imniedi mill-Gvern

# TAĦT TLIET SALTNIET

TA'

ĠUŻÈ AQUILINA

It-Tieni wieħed mill-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

FIH MAL-480 PAĠNA.

---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**